# Iż-Żejtun u l-Kursara

**kitba ta' Liam Gauci** **(Tradott għall-Malti minn Michael Desira)**



F'Malta l-kursara (sibbien) terqu u mxew 'il quddiem għal bosta snin. F'dawn l-aħħar snin riċerka riċenti xeħtet dawl ġdid fuq din l-attività ekonomika imma vjolenti tal-gżira tagħna. Dan l-artiklu jitratta dwar il-ħajja ta' xi rġiel Żwieten li ħadmu u stinkaw fuq xwieni privati tal-kursara. Kienu xwieni privati għaliex wieħed għandu jżomm f'moħħu li ma kinux tal-Ordni ta' San Ġwann. Il-kursara kienu forza paramilitari bbazata f'Malta biex tattakka lix-xwieni Torok f'isem il-Gran Mastru ta' Malta. Ix-xwieni tagħhom kienu ffinanzjati u kkmandati minn padruni privati imma kienu jaqgħu taħt il-liġi marittima Maltija u ntaxxati mill-gvern tal-Ordni.



Iż-Żejtun ukoll ta sehmu, bħal irħula Maltin oħra, billi pprovda baħħara li ssieħbu mal-kursara. Bejn l-1760 u l-1798 minn 2200 baħri, kien hemm 34 baħri reġistrati mal-kursara li kienu miż-Żejtun (1). B'hekk f'dan il-perjodu kien hemm inqas minn tnejn fil-mija miż-Żejtun. B'danakollu min-numru daqshekk żgħir, nistgħu niġbru ħafna tagħrif dwar dawn iż-Żwieten bħal: il-laqam tal-familja, il-professjoni tagħhom, kif xelfu difrejhom mal-liġi u fuq kollox dwar l-avventuri tagħhom.



Xi wħud minn dawn iż-Żwieten ħaqqhom iktar riċerka minn oħrajn u jkun ta' interess li wieħed jara x'tagħrif jeżizti fuqhom fl-arkivji parrokkjali. It-tagħrif f'dan l-artiklu huwa msejjes u miġbur minn dokumenti fl-Arkivji Notarili u f'dawk Nazzjonali.

Kursar Żejtuni mill-aktar attiv kien Antonio Pace, iben Tomaso. Bejn 1777 u 1791 (2), Antonio li kien imlaqqam ta' Gariet, kien reġistrat abbord ħames xwieni. Huwa serva ma' diversi kaptana mill-aqwa ta' dak iż-żmien fosthom il-Kaptan Giorgio Mitrovich u l-Kaptan Guglielmo Lorenzi. Taħt Mitrovich, Giorgio abbanduna x-xini u kien żgur li kien ikkastigat għal għemilu. Fl-1791 huwa kellu 41 sena. Waqt li kien qed iservi abbord xini taħt il-kmand tal-Kaptan Valentini fl-1791, kien ifforma parti minn rewwixta biex ineħħu l-kaptan mill-kmand. Abbord ma' Antonio kien hemm ukoll Żejtuni ieħor jismu Ignazio Cutajar ta' 34 sena.



Baħri kursar Żejtuni ieħor kien Publio Darmanin magħruf bħala ta' Darmanin. Fl-1797 Darmanin kien qed iservi abbord xini taħt il-kmand tal-Kaptan Giuseppe Camilleri. M'hemmx tagħrif fuqu ħlief fuq li kellu inċident ikrah ma' kursar ieħor fuq l-istess xini. Waqt li kienu Lampedusa Publio Darmanin flimkien ma' Salvatore Asciaq, li kellu biss 17-il sena, kienu għall-kaċċa tal-fniek u Salvatore qabeż fuq fenek fl-istess ħin preċiż li Publio spara fuq il-priża. Salvatore weġġa' serjament f'rasu u dam sitt ijiem jilgħabha mal-mewt f'Lampedusa, sakemm miet u difnuh hemm stess. Publio kien interrogat dwar l-inċident, imma ħareġ li kien żball traġiku ġenwin għaliex iż-żewġ baħħara kienu ħbieb kbar u għalhekk kien tassew inċident sfortunat.

Mid-dokumenti nstab ukoll li baħri bl-isem ta' Felice Attard, iben Paolo, għalkemm kien joqgħod iż-Żejtun fl-1788, kien filfatt minn Għawdex. Huwa kien qed ibaħħar fuq frajgata taħt il-kmand tal-Kaptan Guglielmo Lorenzi.

Il-laqmijiet tal-baħħara Żwieten ukoll jagħtu lok għal stħarriġ interessanti bħal per eżempju l-master gunner Filippo Grixti, iben Andrea, kien magħruf bħala Ta' Castagna, skont il-formula tar-reklutaġġ tiegħu. Kien hemm ukoll Michele Borg magħruf bħala ta' Anġelu tal-Imħaueċ u Giuseppe Muscat, iben Andrea, magħruf bħala tar-Rizzi.

Fl-1783 kien hemm ukoll Spanjol jgħix fiż-Żejtun li kien ukoll iservi abbord ix-xwieni tal-kursara. Dan kien jismu Francesco Caman u kien baħri abbord ix-xini tal-Kaptan Lorenzi. Dan il-Kaptan jixraq li fuqu ssir riċerka aktar fid-dettall meta wieħed jitkellem fuq ir-relazzjoni taż-Żejtun u s-sibbien. Il-Kaptan Guglielmo Lorenzi kien probabbli l-aktar kaptan tal-kursara importanti u ta' suċċess fl-aħħar 40 sena tal-ħakma tal-Kavallieri f'Malta. Il-fama tiegħu kienet bla mittiefsa tant li Katerina l-Kbira tar-Russja sejħitlu biex imexxi l-flotta tagħha kontra t-Torok. Huwa kien miżżewweġ lil Angela Gelfo li kienet miż-Żejtun kif kien ukoll missierha Paolo Gelfo li wkoll kien kursar ta' fama kbira. Fuq il-familja Gelfo ftit hu magħruf ħlief li ħaten Lorenzi (Paolo) kien jgħix iż-Żejtun fl-1760 u baħħar ma' Lorenzi fl-1767. L-irġiel tal-familja Gelfo kienu jbaħħru ma' Lorenziu għalhekk l-istorja tal-familja Gelfo hija mżewqa ma' dik tal-kursar Lorenzi. Din il-familja kellha wkoll skjavi u numru ta' xwieni u kienet tan-negozju li saħansitra kienet ukoll tagħmel vjaġġi kummerċjali lejn Tunis. Il-merkanzija li Paolo Gelfo kien ikollu abbord kienet tikkonsisti fost affarijiet oħra: laħam immellaħ, merħliet, xemgħa, saffron u anki xadina għall-Gran Mastru nnifsu. Din il-merkanzija turi kemm il-familja Gelfo kienet għanja u kemm kienet influwenti lejn nofs is-seklu tmintax.

Iż-Żejtun illum mhuwiex daqshekk sinonimu mas-sengħa tal-kursara, imma dan l-artiklu jixhed dawl li hemm konnessjonijiet li għad iridu jiġu mistħarrġa. Kull riċerkatur jista' jiskopri stejjer li għadhom mhux magħrufa dwar nisa u rġiel Żwieten li l-għixien tagħhom u tal-familja kien jiġi mill-attakki u s-serq mix-xwieni tal-għedewwa f'isem il-Gran Mastru ta' Malta.

1. Din hi bbażata fuq database li għadha qed tiġi miġbura li s'issa għandha 'l fuq minn 2200 tagħrif.
2. Hu magħruf li fl-1791 serva abbord ix-xini mmexxi mill-Kaptan Valentini imma l-irwol ta' dan ix-xini għad irid jiġi traskritt.

## Nifirħu lil ...




## Michael Gafa' u Julian Fenech

Ngħidu prosit kbira lis-Sur Michael Gafa', bandist tal-Banda Beland, u lis-Sur Julian Fenech li f'Lulju 2017 temmew b'suċċess l-'Alive Challenge' flimkien ma' 44 persuna oħra b'1200 km ta' ċikliżmu mid-Danimarka għall-Ġermanja u l-Polonja fuq medda ta' 7 ijiem. Din l-inizjattiva saret b'risq li jinġabru fondi għal aktar riċerka dwar il-kura tal-marda tal-kanċer.







## Kurt u Mariah Zahra

Nifirħu minn qalbna lill-aħwa Żwieten u ex-bandisti tal-Banda Beland, Kurt Zahra; li rebaħ tliet midalji tad-deheb fil-100, il-200 u l-4x100 metru, u Mariah Zahra li kklassifikat fl-ewwel post fil-kategorija tad-'discus' u t-tielet f'dawk tal-'hammer' u tax-'shot', fil-kampjonat nazzjonali annwali mtella' mill-Malta Amateur Athletics Association mat-tim ta' Rush Athletic Club.